

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2011 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla Estiża) tat-8 ta' Ġunju 2011 fil-Kawża T-86/11, Bamba vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-417/11 P)**

(2011/C 311/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Appellant*: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop, B. Driessen u E. Dumitriu-Segnana, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura*: Nadiany Bamba, Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali joghħobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla Estiża) tat-8 ta' Ġunju 2011 fil-Kawża T-86/11, Bamba vs Il-Kunsill;

— tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dan l-appell u tiċħad ir-rikors ta' Nadiany Bamba bħala infondati; u

— tikkundanna lil Nadiany Bamba għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill fil-kuntest tal-ewwel istanza u tal-appell preżenti.

#### Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Kunsill jinwoka żewġ aggravji insostenn tal-appell tiegħu.

Prinċipalment, l-appellant isostni li l-motivazzjoni pprovduta fl-atti kkontestati tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE u, konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-atti kkontestati huma vvizzjati min-nuqqas ta' motivazzjoni. Il-Kunsill effettivament ipprovdha, fil-premessi tal-atti kkontestati, deskrizzjoni ddettaljata tas-sitwazzjoni partikolarment gravi fil-Côte d'Ivoire, li tiġġustifika l-miżuri adottati kontra ċerti persuni u entitajiet. Barra minn hekk il-Kunsill indika b'mod ċar ir-raġunijiet li għalihom huwa jikkunsidra li Nadiany Bamba għandha tkun is-suġġett tal-miżuri restrittivi inkwistjoni.

Sussidjarjament, il-Kunsill isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta injorat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-kuntest, magħruf sewwa minn Nadiany Bamba, li fiha ġew adottati l-atti kkontestati.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Městský soud de Prague (ir-Repubblika Ċeka) fl-10 ta' Awwissu 2011 — Česká spořitelna a.s. vs Gerald Feichter**

**(Kawża C-419/11)**

(2011/C 311/36)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

#### Qorti tar-rinviju

Městský soud de Prague

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti*: Česká spořitelna a.s.

*Konvenut*: Gerald Feichter

#### Domandi preliminari

- (1) L-espressjoni "f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jkun meqjus 'l hinn minn negozju jew professjoni tiegħu", użata fl-Artikolu 15(1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali<sup>(1)</sup>, tista' tiġi interpretat fis-sens li tinkludi wkoll id-drittijiet li jirriżultaw mill-promissory note, stabbilita b'mod mhux komplut, li l-benefiċċjarju jinvoka kontra dak li jagħti l-aval għan-nom ta' min ħareġ il-promissory note?
- (2) Minkejja r-risposta għall-ewwel domanda, il-kunċett ta' materji kuntrattwali msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Nru 44/2001 jista' jiġi interpretat fis-sens li, b'kunsiderazzjoni esklużiva tal-kontenut tal-promissory note bħala tali, hija tinkludi wkoll id-drittijiet li jirriżultaw mill-promissory note, stabbilita b'mod mhux komplut, li l-benefiċċjarju juża kontra dak li jagħti l-aval għan-nom ta' min ħareġ il-promissory note?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 4 p. 42

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2011 mill-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-23 ta' Mejju 2011 fil-Kawża T-226/10 — Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-422/11 P)**

(2011/C 311/37)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Partijiet

*Appellant*: Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej (rappreżentanti: D. Dziedzic-Chojnacka u D. Pawłowska)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Kummissjoni Ewropea